**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' Frar 2021.**

**<u>Rikors nru: 228/2019 AGV</u>**

**AB**

**Vs**

**CD [KI: 137471 (M)] fil-kwalita taghha ta' eredi tad-defunti ED u FD**

**U**

**GH fil-kwalita taghha ta' eredi tad-defunti ED u FD**

**U**

**ID fil-kwalita tieghu ta' eredi tad-defunti ED u FD**

**U**

**JK**

**U**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Rikors Guramentat ta' AB;**

Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma li s-segwenti tafhom personalment:-

1. Illi l-esponenti twieldet nhar l-20 ta' Mejju 1981 gewwa l-Isptar San Luqa, Pieta' u dan kif jirrizulta mill-att tat-Twelid taghha li ghandu n-numru ta' registrazzjoni progressiv 5692 tas-sena 1981, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK A.

2. Illi omm l-esponenti hija l-konvenuta JK.

3. Illi fuq l-att tat-twelid tal-esponenti gie mnizzel li missier it-tarbija ma huwiex maghruf (unknown Father).

4. Illi l-esponenti pero' taf li l-missier naturali u bijologiku taghha huwa d-defunt ED li kellu l-karta ta l-identita' bin-numru 525044 (M).

5. Illi d-defunt ED kien jitratta lill-esponenti bhala t-tifla tieghu.

6. Illi l-konvenuti CD, ID u  GH huma lkoll ahwa D, ulied u werrieta tad-defunti ED u FD.

7. Illi l-esponenti ghandha kull interess li tistabbilixxi l-filjazzjoni taghha u ghalhekk hija kellha taghmel din il-kawza.

Ghaldaqstant in vista tal-premessi, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti hija l-bint naturali u bijologika ta' ED li kellu l-karta ta l-identita' bin-numru 525044 (M) u li llum il-gurnata huwa mejjet, u dan occorrendo bl-opera ta' esperti u mezzi xjentifici u konsegwentament;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjoni kollha mehtiega fl-att tat-twelid u taz-zwieg tal-esponenti u dan billi jigu kkancellati l-kliem missier mhux maghruf u jigu sostitwiti b'isem u kunjom ED u tordna wkoll il-partikolaritajiet relattivi bhal professjoni, sena jew stat iehor, eta, post tat-twelid u residenza u ghal-isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, inkwantu jirreferu ghal missier l-esponenti, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwitu b'dawk il-partikolaritajiet li se jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza u jaghmel dawk l-annotazzjonijiet kollha necessarji fl-istess att tat-twelid skond ma jigi deciz fis-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti;

3. Tordna jekk ikun il-kaz, lill-Konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex iwettaq dawk il-korrezzjonjjiet necessarji ukoll f'kull att sussegwenti inkluz fic-certifikati tat-twelid ta' ulied l-esponenti LB u MB;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 4 ta' Novembru 2019 ta' Dr Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma dan li gej:-

1. Illi l-esponenti jiddikjara li ma hux edott mil-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi migjuba ghandhom ikun l-ahjar u kif ukoll soddisfacenti f' ghajnejn il-Ligi;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jsiru t-testijiet genetici abbazi tal-artikolu 100 (A) tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta u dan bl-intiza li jigi vverifikat jekk Dorianne Pisani hijix il-wild naturali tad-defunt ED.

3. Illi f' kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lir-rikorrent sabiex jipprezenta permezz ta' nota d-dettalji kollha tad-defunt ED, sentjatament, 1. In-numru tal-karta tal-identita' tieghu, 2. Ismu u kunjomu. 3. L-eta 'tieghu meta twieldet AB, 4. Il-post tat-twelid tieghu. 5.Il-post tar-residenza tieghu meta twieldet AB 6. Isem u kunjom ta' missieru. 7. Jekk l-imsemmi missier patern kien ghadu haj meta twieldet AB . Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex tigi eventalment inserita fl-att tat-twelid tar-rikorrenti.
4. Illi bla pregudizzju ghal premess, f' kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b' mod definittiv liema kunjom kienet se tassumi AB.

5. Illi bla pregudzzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhux attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta'

agir tal-esponent u kwindi huma m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed minn issa jigi ingunt in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata ta' CD, GH, ID, eredi tal-mejtin genituri taghhom ED u FD datata 5 ta' Novembru 2019 fejn esponew umilment u bil-gurament taghhom kkonfermaw:-

1. Illi t-talba tal-attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ampjament ppruvat tul l-atti tal-kawza, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

2. Illi preliminarjament qed jigi eccepit li missierhom, il-mejjet ED qatt ma ttratta lill-attrici bhala t-tifla tieghu, qatt ma kienet maghrufa min-nies bhala l-bint naturali tal-mejjet ED, u dan inkluz ommhom FD li mietet fis-7 ta' Jannar 2016. Illi l-esponenti qatt ma gharrfu lill-attrici bhala ohthom tul it-tfulija u t-trobbija taghhom huwa biss wara snin li miet missierhom li l-attrici ppruvat tavvicina lil uhud minnhom. L-eccipjenti jissollevaw li ghandu jigi determinat dan il-punt qabel mal-kawza tista' tipprocedi;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ED fil- 13 ta' Frar 2013, kif jirrizulta mic-certifikat anness u mmarkat Dokumet XX. Illi la l-attrici u lanqas il-konvenuta JK ma hadu ebda azzjoni gudizzjarja sabiex tigi stabbilita l-allegata paternita' tal-attrici tul il-hajja ta' ED. Illi l-esponenti jafu personalment li l-mejjet ED kien cahad li huwa missier l-attrici;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici ghandha tressaq l-aqwa prova tul dawn il-proceduri;

5. Illi f’ kull  kaz l-eccipjenti ma ghandhomx ibatu l-isepjjez ghal dawn il-proceduri. In oltre’ l-esponenti qed jirriserva d-dritt taghhom li  jaghmlu azzjoni ghad-danni;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata ta’ JK datata 9 ta’ Dicembru, 2019, fejn esponiet bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat:-

1. Illi permezz tal-prezenti l-esponenti JK, qed tiddikjara u tikkoferma bil-gurament taghha illi hija kellha relazzjoni mad-defunt ED u minn din ir-relazzjoni twieldet AB, izda pero’ fuq ic-certifikat ta’ bintha tnizzel missier mhux maghruf.

2. Illi hija ghaldaqstant tikkonferma dak maghdud fir-rikors guramentat fl-ismijiet premessi u ma topponiex ghat-talbiet kif maghmula ghajr illi hi tirrileva illi  m’ ghandhiex tbati l-ispejjez.

Daqstant ghandha x’  tissottometti l-esponenti u fid-dawl ta’ dan suespost ma topponix ghat-talba maghmula mir-rikorrenti, salv dment illi hija m’ ghandhix tbati l-ispejjez.

Bl-ispejjez.
Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**<u>FATTI</u>**

1. Marisa Cassar ikkonfermat li kienet gabret il-kampjuni orali ta’ CD, ID, GH u ta’ AB sabiex isiru t-testijiet tad-DNA, minn fejn irrizulta illi ma jistax jigi eskluz li AB , ID u GH ghandhom l-istess missier. Dan gie kkonfermat fir-rapport taghha PT 2001341.

2. AB twieldet fl-20 ta’ Mejju, 1981 u tikkonferma li dejjem kienet taf lil ED bhala missierha, li miet fl-2013. Tghid li l-genituri taghha kienu baqghu flimkien ghal tlett snin u meta nfirdu, xorta ED kien imur jaraha u jehodilha l-helu u l-gugarelli. Fil-birthday kien jehodilha ukoll cake u rigal.

   Tghid ukoll li D kien xtralha mobile meta kienu ghadhom kemm hargu u kienu jcemplu lil xulxin kuljum. Izid tghid li minn mindu kellha t-tfal, dejjem kien imur jarahom u kien ukoll parrinu ta’ bintha L. Tghid li hi u zewgha kienu jmorru jarawh nhar ta’ Sibt meta l-bqija tal-familja tieghu jkunu hargu.

   L-uniku dispjacir li kellha kien li lanqas kienet vicin ta’ D fl-ahhar mumenti ta’ hajtu. Tghid li kienet tmur tarah l-isptar meta l-familja tieghu ma jkunux hemm.

3. CD, bint ED, tghid li qatt ma kienet semghet bl-attrici, hlief fl-2019, meta kien qallha dwarha huha I. Peress li kienet kurjuza biex tkun taf jekk verament kinitx ohtha, kienet ghamlet kuntatt maghha u kienet anke waslet sabiex fethet qalbha maghha, izda tghid li kellha d-dubbji taghha peress li ma kinitx tara l-ebda xebh maghha u ma’ hutha.

   Tispjega li darba kienet qed titkellem mal-attrici dwar il-wirt li kienet hallitilha ommha u li kienet se thalli l-gid taghha lin-neputijiet, l-attrici

bdiet tinsisti maghha li ghandha thalli l-wirt lil uliedha ukoll u minn hawn indunat li l-attrici kienet interessata.

Izid tghid li meta missierha marad, kienet hi li kienet tiehu hsiebu u qatt ma rat lill-attrici u kien difficli li ma tindunax jekk kienet tmur. Tghid ukoll li l-attrici ma kinitx prezenti ghall-funeral ta' missierha.

4. GH, bint ED tispjega li l-ewwel li kienet semghat bl-attrici kien ftit xhur qabel ma rceviet l-ittra tal-avukat taghha u xi seba' snin wara l-mewt ta' missierha. Ohtha C kienet qaltilha li ghandhom ohthom u li kienu saru hbieb. Ikkonfermat li kienu jitkellmu fuq il-wirt u l-attrici kienet interessatha.

   Tistqarr li llum ghandha 22 sena, mizzewwga u omm ta' zewgt itfal, izda missierha qatt ma gabilha fjuri u kejkijiet fil-birthday u dan iktar u iktar meta qatt ma kien jiftakar meta kien tieghu.

   Tichad li l-attrici kienet tmur l-isptar meta missierha kien marad u minhabba li setghu jaqrawlu l-messagg minn fuq il-mobile, ghax ma kienx jaf jaqra u jikteb.

   Tistqarr li qatt ma rat lill-attrici l-funeral ta' missierha u wara mewtu, tispjega li ohta C kienet marret ghand iz-zijiet biex tikkonferma maghhom jekk missierha kien qatt semma' lill-attrici maghhom. Wara mewtu, flimkien ma' hutha kienu hadu hsieb il-qsim tal-wirt ta' missierhom u l-attrici qatt ma kkonfrontathom.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

L-attrici fethet dina l-kawza sabiex tigi ddikjarata bhala l-bint naturali u biologika tad-*decujus* ED L-attrici pprezentat diversi provi sabiex tikkonvinci lil dina l-Qorti li ED huwa missierha. Tghid li qattghet il-hin mieghu u dan kien isir ad insaputa tal-familjari tieghu. Kien izurhom ta' spiss u sahanistra kienet toqghod f'appartament il-Hamrun fejn kien ihallas il-kera D.

L-attrici spjegat ukoll li missierha kien jixtrilha r-rigali u anke meta kellha t-tarbija kienet poggietu bhala missierha.

Fir-risposta taghha, omm l-istess attrici tikkonferma li kellha relazzjoni mad-*decujus* ED u minn dina r-relazzjoni kienet twieldet l-attrici.

Il-konvenuti jinnegaw dan kollu u jinsistu li qatt ma kienu raw lill-attrici ma' missierhom u kien biss huhom I li kien semma' li l-attrici kienet ohthom.CD, tistqarr li kienet kurjuza dwar dak li kien qallha huha u kienet ikkomunikat mal-attrici u kienet tiftah qalbha maghha. Kellhom xi jghidu biss meta l-konvenuta D kienet semmiet li kienet ser thalli l-wirt taghha lin-neputijiet u l-attrici ppretendiet li jigu nkluzi t-tfal taghha ukoll.D tikkontendi li kien ghalhekk biss li wara tant zmien l-attrici ddecidiet  li tiftah dina l-kawza.

Il-punto sta li rrispettivament x'hemm bhala motivazzjoni wara dina l-kawza, l-attrici resqet provi konvincenti dwar il-paternita' u dan iktar u iktar gie msahhah bix-xhieda ta' Dr. Marisa Cassar li wara li zammet it-testijiet genetici kkonfermat li l-attrici u l-konvenuti huma ulied l-istess missier.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara l-attrici bhala l-bint naturali u biologika tad-*decujus* ED.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel is-segwenti korrezzjonjiet fl-att tat-twelid u taz-zwieg tal-attrici billi:-

   i) minflok "missier mhux maghruf" jitnizzel l-isem tad-defunt ED;
   ii) karta' ta' identita' tieghu 525044M
   iii) l-eta' tad-defunt meta twieldet l-attrici – 37 sena
   iv) post tat-twelid tieghu – Qormi, Malta
   v) post tar-residenza meta twieldet l-attrici – 1, Romar, Triq Karmnu Abela, Hamrun;
   vi) isem u kunjom missier ND;
   vii) il-missier patern – mejjet.

   B'dana li l-attrici ghazlet li tirritjeni l-kunjom B, li hadet miz-zwieg taghha.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici.

L-ispejjes ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, eskluz il-konvenut Direttur Registru Pubbliku.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**